# Il-Istitut Paulo Freire
## il-Komunità tal-Ġiżwiti fiż-Żejtun



*Kitba ta' Fr Vincent Magri SJ*

Il-Komunità tal-patrijiet Ġiżwiti ilha mwaqqfa ġewwa ż-Żejtun kważi dsatax-il sena. Din il-Komunità għandha l-għan li ġġib 'l quddiem l-apostolat soċjali tal-Provinċja tal-Ġiżwiti ta' Malta. Il-qasam soċjali jinkludi l-ħidma li ssir mill-*Jesuit Refugee Service (JRS), il-Paulo Freire Institute (PFI)* li ċ-ċentru tiegħu qiegħed hawn iż-Żejtun u ċ-Ċentru Fidi u Ġustizzja (CFG) li jippromovi t-Tagħlim Soċjali tal-Knisja Kattolika permezz ta' studju, tagħlim, *seminars* u kitbiet.

Il-Komunità hija magħmula minn erba' Ġiżwiti. Fr Paul Pace li jieħu ħsieb il-*JRS;* Fr Vincent Magri li jieħu ħsieb il-*PFI;* Fr Edgar Busuttil li huwa s-Superjur tal-Komunità u jmexxi ċ-ĊFĠ. Għal dawn l-aħħar sentejn kellna lil Mark Cachia, student Ġiżwita, li għamel l-esperjenza magħna ż-Żejtun qabel ma issa jitlaq biex ikompli jipprepara ruħu għas-saċerdozju.

Din id-darba se nitkellem fuq il-PFI. Iċ-Ċentru jinsab wara l-Knisja Parrokkjali...tliet bibien 'l fuq mid-dar ta' l-Arċipriet.

Il-PFI huwa l-frott tal-ħidma ta' Fr Edgar. Fl-1999 Fr Edgar fetaħ dan iċ-Ċentru li permezz tiegħu l-ħidma soċjali tal-Ġiżwiti għaż-Żwieten ġiet organizzata fi struttura. Dan kien pass tajjeb u għaqli ħafna.

Il-ħidma prinċipali hija t-tagħlim tat-tfal u kbar ħalli jitgħallmu jiktbu u jaqraw bil-Malti u l-Ingliż. Din il-ħidma mhix dik li ngħidulha "il-privat". Min jitgħallem mhux qiegħed jitgħallem prinċipalment biex jgħaddi minn xi eżami. Il-ħidma tħares lejn il-ġid sħiħ tal-persuna. Barra minn hekk is-servizz tagħna kemm jista' jkun huwa personali u għalhekk it-tagħlim ma jsirx fi klassi iżda fuq bażi ta' 1-1. Aħna ngħallmu wkoll kif tista' tibda tuża l-kompjuter... aspett li rridu nagħtuh aktar attenzjoni fid-dinja moderna tal-lum.

Il-ħsieb wara l-ħidma hu li nsaħħu l-kapaċitajiet edukattivi, emozzjonali u personali ta' l-individwu speċjalment ta' dawk l-aktar batuti. L-edukazzjoni għandha sservi prinċipalment biex tgħin il-persuna tiżviluppa f'ċittadin responsabbli lejh innifsu u lejn is-soċjetà. Għandna ngħinuh jirbaħ il-biża' u l-kumpless ta' inferjorità u jkun kapaċi jirrivendika d-drittijiet tiegħu/tagħha. Kulħadd għandu t-talenti tiegħu u jixraqlu jkun rikonoxxut fis-soċjetà fejn ħadd m'għandu jiġi eskluż.

Difatti biex ngħinu lill-persuna li tiġi ċ-Ċentru b'mod sħiħ, il-PFI joffri servizz ta' *Social Work* u *Community Work* li huma *supervised* mill-Aġenzija Appoġġ. Bħalissa ċ-Ċentru għandu s-servizz ta' tliet *social workers'* , erba' ko-ordinaturi fit-tagħlim tal-litteriżmu. Aħna għandna wkoll servizz ta' *counselling.*

Biex jintlaħaq l-għan għandna bżonn ħafna:

a. Il-fondi: Għaliex kull min jirċievi servizz f'PFI ma jħallasx, iżda ċ-Ċentru jrid jixtri s-servizzi li qiegħed joffri. Min jixtieq joffri xi kontribuzzjoni jkun qed jgħin opra ġusta u fejjieda ħafna.
b. Voluntiera: Għandna għadd sabiħ ta' voluntiera, iżda l-bżonn huwa kbir u għalhekk napprezzaw ħafna min jitħajjar jgħin u joffri ftit ħin darba fil-ġimgħa fiċ-Ċentru.

Dan is-Servizz qed isir fiż-Żejtun li jfissser li dan isir f'kollaborazzjoni sħiħa mal-Kunsill Lokali u mal-Parroċċa. Is-servizz huwa miftuħ għal kulħadd u kulħadd huwa milqugħ f'PFI. Din l-istedina hija miftuħa għal kull soċjetà jew organizzazzjoni fir-raħal. Fejn nistgħu ngħinu aħna nimpenjaw ruħna li nagħmluh.

Il-fidi li nħaddnu fi Kristu titlob minna dan l-impenn. Il-PFI iwettaq ħidmietu b'dan l-ispirtu għall-ġid ta' kull persuna, familja u għas-soċjetà kollha.